# FTEHIM TA' SĦUBIJA STRATEĠIKA

## bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Kanada, min-naħa l-oħra

PREAMBOLU

L-UNJONI EWROPEA, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Unjoni",

u

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

IR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

IR-RENJU TAN-NETHERLANDS,

IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TAL-IŻVEZJA,

IR-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,

Partijiet Kontraenti għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-Istati Membri",

minn naħa waħda, u

IL-KANADA

min-naħa l-oħra,

minn hawn 'il quddiem imsejħa konġuntament "il-Partijiet",

ISPIRATI mill-ħbiberija li ilha teżisti bejn il-poplu tal-Ewropa u l-Kanada permezz tar-rabtiet storiċi, kulturali, politiċi u ekonomiċi estensivi tagħhom,

WAQT LI INNUTAW il-passi importanti meħuda sa mill-Ftehim Kwadru tal-1976 għall-kooperazzjoni kummerċjali u ekonomika bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Kanada, id-Dikjarazzjoni tal-1990 dwar ir-Relazzjonijiet Transatlantiċi bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, u l-Kanada, id-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tal-1996 dwar ir-Relazzjonijiet bejn l-UE u l-Kanada u l-Pjan ta' Azzjoni Konġunt bejn l-UE u l-Kanada, l-Aġenda ta' Sħubija bejn l-UE u l-Kanada tal-2004 u l-Ftehim tal-2005 bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kanada li jistabbilixxi qafas għall-parteċipazzjoni tal-Kanada fl-operazzjonijiet ta' immaniġjar tal-kriżijiet tal-Unjoni Ewropea,

JAFFERMAW MILL-ĠDID ir-rabta b'saħħitha tagħhom mal-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem kif stabbiliti fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,

JAQSMU l-istess fehma li l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva toħloq theddida kbira għas-sigurtà internazzjonali,

JIBNU fuq it-tradizzjoni twila tagħhom ta' kooperazzjoni fil-promozzjoni tal-prinċipji internazzjonali tal-paċi u s-sigurtà u l-istat tad-dritt,

JAFFERMAW MILL-ĠDID id-determinazzjoni tagħhom li jiġġieldu kontra t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata permezz ta' kanali bilaterali u multilaterali,

JAQSMU flimkien impenn biex jitnaqqas il-faqar, jitħeġġeġ it-tkabbir ekonomiku inklużiv u jiġu megħjuna l-pajjiżi li qed jiżviluppaw fl-isforzi tagħhom lejn ir-riformi politiċi u ekonomiċi,

JIRRIKONOXXU x-xewqa tagħhom li jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli fid-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tiegħu;

KBURIN bil-kuntatti interpersonali estensivi bejn iċ-ċittadini tagħhom u l-impenn tagħhom għall-protezzjoni u l-promozzjoni tad-diversità tal-espressjonijiet kulturali,

JIRRIKONOXXU r-rwol importanti li jista' jkollhom organizzazzjonijiet multilaterali effettivi fl-avvanz 'il quddiem tal-kooperazzjoni u fil-kisba ta' eżiti pożittivi dwar kwistjonijiet u sfidi globali,

KONXJI mir-relazzjoni dinamika tagħhom fil-qasam tal-kummerċ u l-investiment, li se tissaħħaħ aktar permezz tal-implimentazzjoni effettiva ta' ftehim ekonomiku u kummerċjali komprensiv,

IFAKKRU li d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim li jaqgħu fl-ambitu tal-Parti Tlieta, it-Titolu V tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jorbtu lir-Renju Unit u lill-Irlanda bħala Partijiet Kontraenti separati, u mhux bħala parti mill-Unjoni Ewropea, sakemm l-Unjoni Ewropea flimkien mar-Renju Unit u/jew l-Irlanda ma jkunux innotifikaw b'mod konġunt lill-Kanada li r-Renju Unit jew l-Irlanda tintrabat bħala parti mill-Unjoni Ewropea f'konformità mal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward taż-żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja annessa mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Jekk ir-Renju Unit u/jew l-Irlanda ma jibqgħux marbutin bħala parti mill-Unjoni Ewropea f'konformità mal-Artikolu 4a tal-Protokoll Nru 21, l-Unjoni Ewropea flimkien mar-Renju Unit u/jew l-Irlanda jgħarrfu minnufih lill-Kanada b'kull bidla fil-pożizzjoni tagħhom, u f'dan il-każ jibqgħu marbutin bid-diżpozzjonijiet tal-ftehim fil-kwalità individwali tagħhom. L-istess japplika għad-Danimarka skont il-Protokoll anness ma' dawk it-Trattati dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka,

JIRRIKONOXXU li l-bidliet istituzzjonali fl-Unjoni Ewropea sa mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona,

JAFFERMAW l-istatus tagħhom bħala sħab strateġiċi u d-determinazzjoni tagħhom biex ikomplu jsaħħu u jkabbru r-relazzjoni tagħhom u l-kooperazzjoni internazzjonali tagħhom abbażi tar-rispett reċiproku u d-djalogu biex javvanzaw 'il quddiem l-interessi u l-valuri kondiviżi tagħhom,

KONVINTI li din il-kooperazzjoni għandha tissawwar b'mod progressiv u pragmatiku, b'mod parallel mal-iżvilupp tal-politiki tagħhom,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

TITOLU I

**BAŻI GĦALL-KOOPERAZZJONI**

*Artikolu 1*

**Prinċipji ġenerali**

1. Il-Partijiet jesprimu l-appoġġ tagħhom għall-prinċipji komuni kif stabbilit fil-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

2. Konxji tar-relazzjoni strateġika tagħhom, il-Partijiet jaħdmu sabiex titjieb il-koerenza fl-iżvilupp tal-kooperazzjoni tagħhom fuq livelli bilaterali, reġjonali u multilaterali.

3. Il-Partijiet jimplimentaw dan il-Ftehim abbażi ta' valuri komuni, il-prinċipji tad-djalogu, ir-rispett reċiproku, is-sħubija ugwali, il-multilateraliżmu, il-kunsens u r-rispett għal-liġi internazzjonali.

TITOLU II

**DRITTIJIET TAL-BNIEDEM, LIBERTAJIET FUNDAMENTALI, DEMOKRAZIJA U L-ISTAT TAD-DRITT**

*Artikolu 2*

**Appoġġ u avvanz tal-prinċipji demokratiċi, drittijiet tal-bniedem u libertajiet fundamentali**

1. Ir-rispett għall-prinċipji demokratiċi, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kif stabbiliti fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem u fit-trattati internazzjonali eżistenti dwar id-drittijiet tal-bniedem u strumenti legalment vinkolanti oħrajn, li għalihom l-Unjoni jew l-Istati Membri u l-Kanada huma partijiet, jirrifletti l-politiki interni u internazzjonali tal-Partijiet u jikkostitwixxi element essenzjali ta' dan il-Ftehim.

2. Il-Partijiet jagħmlu ħilithom sabiex jikkooperaw u jiddefendu dawn id-drittijiet u l-prinċipji fil-politiki tagħhom stess u jħeġġu lil Stati oħra sabiex jaderixxu ma' dawk it-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u strumenti legalment vinkolanti u biex jimplimentaw l-obbligi tad-drittijiet tal-bniedem tagħhom stess.

3. Il-Partijiet huma impenjati li jmexxu 'l quddiem id-demokrazija, inkluż proċessi elettorali ħielsa u ġusti f'konformità mal-istandards internazzjonali. Kull Parti tgħarraf lill-oħra bil-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali rispettivi tagħha u tistieden lill-Parti l-oħra biex tipparteċipa kif xieraq.

4. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-istat tad-dritt għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u għall-funzjonament effettiv ta' istituzzjonijiet ta' governanza fi Stat demokratiku. Dan jinkludi l-eżistenza ta' sistema ġudizzjarja indipendenti, l-ugwaljanza quddiem il-liġi, id-dritt għal proċess ġust u aċċess minn individwi għal rimedju legali effettiv.

TITOLU III

**PAĊI U SIGURTÀ INTERNAZZJONALI U MULTILATERALIŻMU EFFETTIV**

*Artikolu 3*

**Armi ta' qerda massiva**

1. Il-Partijiet jikkunsidraw li l-proliferazzjoni ta' armi ta' qerda massiva (AQM) u l-mezzi tal-konsenja tagħhom, kemm lejn atturi statali kif ukoll lejn dawk mhux statali, tirrappreżenta waħda mill-akbar theddidiet serji għall-istabbiltà u s-sigurtà internazzjonali.

2. Il-Partijiet għalhekk jaqblu li jikkooperaw u li jikkontribwixxu għall-prevenzjoni tal-proliferazzjoni tal-AQM u l-mezzi tal-konsenja tagħhom b'konformità sħiħa mal-obbligi u bl-implimentazzjoni tagħhom skont il-ftehimiet internazzjonali li jikkonċernaw id-diżarm u n-nonproliferazzjoni u r-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. Barra minn hekk, il-Partijiet ikomplu jikkooperaw, kif xieraq, b'appoġġ għall-isforzi ta' nonproliferazzjoni permezz tal-parteċipazzjoni fir-reġimi ta' kontroll ta' esportazzjoni li għalihom it-tnejn huma parti. Il-Partijiet jaqblu li din id-dispożizzjoni tikkostittwixxi element essenzjali ta' dan il-Ftehim.

3. Barra minn hekk, il-Partijiet jaqblu wkoll li jikkooperaw u jikkontribwixxu sabiex jiġġieldu kontra l-proliferazzjoni tal-AQM u l-mezzi ta' konsenja tagħhom billi:

(a) kif xieraq, jieħdu l-passi biex jiffirmaw, jirratifikaw jew jaderixxu mat-trattati ta' diżarm u nonproliferazzjoni kollha rilevanti u li jimplimentaw bis-sħiħ l-obbligi kollha skont it-trattati li tagħhom jagħmlu parti u jħeġġu lil stati oħra sabiex jaderixxu ma' dawk it-trattati;

(b) iżommu sistema effettiva ta' kontrolli fuq l-esportazzjoni nazzjonali, jikkontrollaw l-esportazzjoni u jevitaw is-senserija illeċita u t-tranżitu tal-merkanzija relatata mal-AQM inkluż il-kontroll tal-użu aħħari tal-AQM fuq it-teknoloġiji b'użu doppju u li jinkludu sanzjonijiet effettivi għall-ksur tal-kontrolli fuq l-esportazzjoni;

(c) il-ġlieda kontra l-proliferazzjoni ta' armi kimiċi, bijoloġiċi u tossiċi. Il-Partijiet jaqblu li jikkollaboraw f'fora rilevanti biex imexxu 'l quddiem il-prospetti għal aderenza universali għal konvenzjonijiet internazzjonali, inkluża l-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi (il-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Iżvilupp, il-Produzzjoni, il-Ħażna u l-Użu ta' Armi Kimiċi u dwar il-Qerda tagħhom) u l-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiċi (il-Konvenzjoni dwar il-Projbizzjoni tal-Iżvilupp, il-Produzzjoni u l-Ħażna ta' Armi Batterjoloġiċi (Bijoloġiċi) u Tossiċi u dwar il-Qerda tagħhom).

4. Il-Partijiet jaqblu li jistabbilixxu laqgħat regolari f'livell għoli bejn l-UE u l-Kanada biex jiġu skambjati l-fehmiet dwar modi kif tiġi promossa l-kooperazzjoni fuq firxa ta' kwistjonijiet ta' nonproliferazzjoni u diżarm.

*Artikolu 4*

**Armi ħfief u ta' kalibru żgħir**

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-manifattura, it-trasferiment u ċ-ċirkolazzjoni illegali ta' Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir (SALWs), inkluż il-munizzjon tagħhom, u l-akkumulazzjoni eċċessiva tagħhom, il-ġestjoni ħażina, il-ħażniet mhux assigurati sewwa u l-firxa mhux ikkontrollata tagħhom, ikomplu joħolqu theddida serja għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali.

2. Il-Partijiet jaqblu li jimplimentaw l-impenji rispettivi tagħhom biex jindirizzaw il-kummerċ illeċitu tas-SALW, inkluż il-munizzjon tagħhom, fil-qafas tal-istrumenti internazzjonali rilevanti inkluż il-Programm ta' Azzjoni tan-NU għall-Prevenzjoni, il-Ġlieda Kontra u l-Qerda ta' Kummerċ Illeċitu tas-SALW fl-aspetti kollha tiegħu kif ukoll l-obbligi li joħorġu minn Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU.

3. Il-Partijiet jagħmlu ħilithom biex jieħdu miżuri biex jindirizzaw il-kummerċ illeċitu tas-SALW u jikkooperaw u jaħdmu għall-koordinazzjoni, il-komplimentarjetà u s-sinerġija fl-isforzi komuni tagħhom biex jgħinu lil Stati oħra biex jindirizzaw il-kummerċ illeċitu tas-SALW u l-munizzjon fil-livelli globali, reġjonali u nazzjonali, kif xieraq.

*Artikolu 5*

**Qorti Kriminali Internazzjonali**

1. Il-Partijiet jaffermaw li l-aktar reati serji ta' tħassib għall-komunità internazzjonali ma jistgħux ma jiġux puniti u li l-prosekuzzjoni effettiva tagħhom trid tiġi żgurata billi jittieħdu miżuri fil-livell nazzjonali u billi tiżdied il-kooperazzjoni internazzjonali, inkluż permezz tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI).

2. Il-Partijiet jikkondividu impenn komuni biex tiġi promossa r-ratifika universali tal-Istatut ta' Ruma tal-QKI jew l-adeżjoni miegħu, u biex jaħdmu lejn l-implimentazzjoni domestika effettiva tagħha tal-Istatut fost l-Istati Partijiet għall-QKI.

*Artikolu 6*

**Kooperazzjoni fil-ġlieda kontra t-terroriżmu**

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-ġlieda kontra t-terroriżmu hija prijorità komuni u tenfasizza li l-ġlieda kontra t-terroriżmu titmexxa b'rispett għall-istat tad-dritt, *il-liġi internazzjonali, b'mod partikolari l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u r-Riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, id-drittijiet tal-bniedem, il-liġi dwar ir-refuġjati u l-liġi umanitarja internazzjonali* u l-libertajiet fundamentali.

2. Il-Partijiet iżommu konsultazzjonijiet ta' livell għoli kontra t-terroriżmu u kuntatti *ad hoc* bil-ħsieb li jiġu promossi sforzi operazzjonali konġunti effettivi kontra t-terroriżmu u mekkaniżmi kollaborattivi fejn possibbli. Dan jinkludi skambji regolari dwar il-listi ta' terroristi, il-ġlieda kontra strateġiji tal-estremiżmu vjolenti u approċċi għall-kwistjonijiet emerġenti relatati mal-ġlieda kontra t-terroriżmu.

3. Il-Partijiet għandhom impenn komuni għall-promozzjoni ta' metodu internazzjonali komprensiv fil-ġlieda kontra t-terroriżmu taħt it-tmexxija tan-Nazzjonijiet Uniti. Il-Partijiet jagħmlu ħilithom b'mod partikolari biex jikkooperaw sabiex jissaħħaħ il-kunsens internazzjonali f'dan il-qasam sabiex tiġi promossa l-implimentazzjoni sħiħa tal-Istrateġija Globali tan-NU Kontra t-Terroriżmu u r-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, kif xieraq.

4. Il-Partijiet ikomplu jikkooperaw mill-qrib fil-qafas tal-Forum Globali dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-gruppi ta' ħidma tiegħu.

5. Il-Partijiet jiġu ggwidati mir-rakkomandazzjonijiet internazzjonali stabbiliti mit-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja fil-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu.

6. Il-Partijiet ikomplu jaħdmu flimkien kif xieraq biex tissaħħaħ il-kapaċità kontra t-terroriżmu ta' Stati oħra biex jipprevjenu, jidentifikaw u jirrispondu għal attivitajiet terroristiċi.

*Artikolu 7*

**Kooperazzjoni fil-promozzjoni tal-paċi u l-istabbiltà internazzjonali**

Biex imexxu 'l quddiem l-interessi komuni tagħhom għall-promozzjoni tal-paċi u s-sigurtà internazzjonali u ta' istituzzjonijiet multilaterali u politiki effikaċi, il-Partijiet:

(a) ikomplu bl-isforzi tagħhom biex tissaħħaħ aktar is-sigurtà transatlantika, b'kunsiderazzjoni tar-rwol ċentrali tal-arkitettura tas-sigurtà transatlantika eżistenti bejn l-Ewropa u l-Amerika ta' Fuq;

(b) issaħħu l-isforzi konġunti tagħhom b'appoġġ għall-ġestjoni tal-kriżi u l-bini ta' kapaċità, u jkomplu jtejbu l-kooperazzjoni tagħhom f'dan ir-rigward, inkluż fl-operazzjonijiet u l-missjonijiet tal-UE. Il-Partijiet jagħmlu ħilithom biex jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni f'dawn l-attivitajiet, inkluż permezz ta' konsultazzjonijiet bikrija u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni dwar l-ippjanar, fejn jitqies xieraq mill-Partijiet.

*Artikolu 8*

**Kooperazzjoni f'fora u organizzazzjonijiet multilaterali, reġjonali u internazzjonali**

1. Il-Partijiet jaqsmu impenn għall-multilateraliżmu u l-isforzi biex titjieb l-effettività ta' fora u organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali bħan-Nazzjonijiet Uniti u l-organizzazzjonijiet u l-aġenziji speċjalizzati tagħha, l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD), l-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (NATO), l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) u fora multilaterali oħra.

2. Il-Partijiet iżommu mekkaniżmi ta' konsultazzjoni effettivi dwar il-marġini ta' fora multilaterali. Fin-NU, minbarra d-djalogi eżistenti tagħhom fl-oqsma tad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, il-Partijiet jistabbilixxu mekkaniżmi ta' konsultazzjoni permanenti fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u l-Uffiċċji tan-NU fi Vjenna u oħrajn, kif xieraq u maqbul mill-Partijiet.

3. Il-Partijiet jagħmlu ħilithom ukoll biex jikkonsultaw dwar l-elezzjonijiet biex ikun hemm rappreżentanza effettiva f'organizzazzjonijiet multilaterali.

TITOLU IV

**ŻVILUPP EKONOMIKU U SOSTENIBBLI**

*Artikolu 9*

**Djalogu u tmexxija globali fi kwistjonijiet ekonomiċi**

Filwaqt li jirrikonoxxu li globalizzazzjoni sostenibbli u prosperità akbar jistgħu jinkisbu biss permezz ta' ekonomija dinjija miftuħa, ibbażata fuq il-prinċipji tas-suq, regolamenti effettivi u istituzzjonijiet globali b'saħħithom, il-Partijiet jagħmlu ħilithom biex:

(a) ikunu minn ta' quddiem fil-promozzjoni ta' politiki ekonomiċi sodi u mmaniġġjar finanzjarju prudenti kemm lokalment kif ukoll permezz tal-involviment reġjonali u internazzjonali tagħhom;

(b) ikollhom djalogu politiku regolari ta' livell għoli dwar kwistjonijiet makroekonomiċi, inklużi rappreżentanti tal-banek ċentrali kif xieraq, bl-għan ta' kooperazzjoni fi kwistjonijiet ta' tħassib komuni;

(c) jinkoraġġixxu, kif xieraq, djalogu fil-waqt u effettiv u kooperazzjoni fi kwistjonijiet ekonomiċi globali ta' interess komuni f'organizzazzjonijiet multilaterali u fora li fihom jipparteċipaw il-Partijiet, bħall-OECD, il-G-7, il-G-20, il-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI), il-Bank Dinji u l-Organizzazzjoni dinjija għall-Kummerċ (WTO).

*Artikolu 10*

**Promozzjoni tal-kummerċ ħieles u titjib tal-investiment**

1. Il-Partijiet jikkooperaw sabiex jippromwovu żieda u żvilupp sostenibbli tal-kummerċ u l-investiment bejniethom għall-vantaġġ reċiproku tagħhom, kif previst fi ftehim ekonomiku u kummerċjali komprensiv.

2. Il-Partijiet jagħmlu ħilithom sabiex jikkooperaw biex isaħħu d-WTO bħala l-aktar qafas effettiv għal sistema kummerċjali globali b'saħħitha, inklużiva u bbażata fuq ir-regoli.

3. Il-Partijiet ikomplu jimpenjaw ruħhom fil-kooperazzjoni doganali.

*Artikolu 11*

**Kooperazzjoni dwar it-tassazzjoni**

Bil-ħsieb li jsaħħu u jiżviluppaw il-kooperazzjoni ekonomika tagħhom, il-Partijiet isegwu u japplikaw il-prinċipji ta' governanza tajba fil-qasam tat-taxxa, jiġifieri, it-trasparenza, l-iskambju tal-informazzjoni u l-evitar ta' prattiki fiskali dannużi fl-oqfsa tal-Forum tal-OECD dwar prattiki dannużi ta' tassazzjoni u l-Kodiċi ta' Kondotta tal-Unjoni dwar it-tassazzjoni tan-negozju, kif applikabbli. Il-Partijiet jagħmlu ħilithom sabiex jaħdmu flimkien biex jippromwovu u jtejbu l-implimentazzjoni ta' dawn il-prinċipji fuq livell internazzjonali.

*Artikolu 12*

**Żvilupp sostenibbli**

1. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom li jilħqu l-ħtiġijiet attwali mingħajr ma jikkompromettu l-ħtiġijiet tal-ġenerazzjonijiet futuri. Huma jirrikonoxxu li biex ikun vijabbli fuq perjodu itwal ta' żmien, it-tkabbir ekonomiku għandu jsegwi l-prinċipji ta' żvilupp sostenibbli.

2. Il-Partijiet ikomplu jippromwovu l-użu responsabbli u effiċjenti tar-riżorsi u jqajmu sensibilizzazzjoni dwar il-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tal-ħsara ambjentali u l-impatt marbut magħha dwar il-benesseri tal-bniedem.

3. Il-Partijiet ikomplu jinkoraġġixxu sforzi għall-promozzjoni ta' żvilupp sostenibbli permezz tad-djalogu, l-iskambju tal-aħjar prattiki, governanza tajba u ġestjoni finanzjarja soda.

4. Il-Partijiet jikkondividu l-istess għan li jitnaqqas il-faqar u li jiġi appoġġjat l-iżvilupp ekonomiku inklużiv madwar id-dinja, u jagħmlu ħilithom biex jaħdmu flimkien kull meta jkun possibbli biex jintlaħaq dan l-għan.

5. Għal dan l-għan, il-Partijiet jistabbilixxu djalogu politiku regolari dwar il-kooperazzjoni għall-iżvilupp sabiex tittejjeb il-koordinazzjoni tal-politika dwar kwistjonijiet ta' interess komuni kif ukoll il-kwalità u l-effettività tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp tagħhom, f'konformità ma' prinċipji aċċettati internazzjonalment dwar l-effettività tal-għajnuna. Il-Partijiet jaħdmu flimkien biex isaħħu r-responsabbiltà u t-trasparenza b'enfasi fuq it-titjib tar-riżultati tal-iżvilupp, u jirrikonoxxu l-importanza li jiġu involuti għadd ta' atturi, inkluż is-settur privat u s-soċjetà ċivili, fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp.

6. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tas-settur tal-enerġija għall-prosperità ekonomika u l-paċi u l-istabbiltà internazzjonali. Huma jaqblu dwar il-ħtieġa li jtejbu u jiddiversifikaw il-provvisti tal-enerġija, jippromwovu l-innovazzjoni u jżidu l-effiċjenza tal-enerġija sabiex tissaħħaħ l-opportunità tal-enerġija, is-sigurtà, u l-enerġija sostenibbli u affordabbli. Il-Partijiet iżommu djalogu ta' livell għoli dwar l-enerġija u jkomplu jikkollaboraw permezz ta' mezzi bilaterali u multilaterali sabiex jappoġġjaw swieq miftuħa u kompetittivi, jaqsmu l-aħjar prattiki, jippromwovu regolamentazzjoni trasparenti, u jiddiskutu l-oqsma ta' kooperazzjoni rigward kwistjonijiet tal-enerġija.

7. Il-Partijiet jagħtu importanza kbira lill-protezzjoni u l-konservazzjoni tal-ambjent u jirrikonoxxu l-ħtieġa għal standards għolja ta' ħarsien ambjentali sabiex jitħares l-ambjent għall-ġenerazzjonijiet futuri.

8. Il-Partijiet jirrikonoxxu t-theddida globali tat-tibdil fil-klima u l-ħtieġa li tittieħed azzjoni immedjata u ulterjuri sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet bl-għan li jiġu stabbilizzati l-konċentrazzjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra fl-atmosfera, f'livell li tiġi evitata interferenza antropoġenika perikoluża mas-sistema tal-klima. B'mod partikolari, jikkondividu ambizzjoni komuni biex jinstabu soluzzjonijiet innovattivi biex jimmitigaw u jadattaw għall-effetti tat-tibdil fil-klima. Il-Partijiet jirrikonoxxu n-natura globali tal-isfida u jkomplu jappoġġjaw l-isforzi internazzjonali lejn reġim ġust, effettiv, komprensiv, u ibbażat fuq ir-regoli skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) li tapplika għall-Partijiet kollha tal-Konvenzjoni, inkluż li jaħdmu flimkien fit-tmexxija 'l quddiem tal-Ftehim ta' Pariġi.

9. Il-Partijiet ikomplu d-djalogi ta' livell għoli dwar l-ambjent u t-tibdil fil-klima bl-għan li jaqsmu l-aħjar prattiki u jippromwovu kooperazzjoni effettiva u inklużiva dwar it-tibdil fil-klima u kwistjonijiet oħra marbutin mal-protezzjoni tal-ambjent.

10. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza ta' djalogu u kooperazzjoni fuq livelli bilaterali jew multilaterali fil-qasam tal-impjiegi, l-affarijiet soċjali u xogħol deċenti, b'mod partikolari fil-kuntest tal-globalizzazzjoni u t-tibdil demografiku. Il-Partijiet jagħmlu ħilithom sabiex jiġu promossi l-kooperazzjoni u l-iskambji ta' informazzjoni u ta' esperjenzi rigward l-impjiegi u kwistjonijiet tax-xogħol. Il-Partijiet jikkonfermaw ukoll l-impenn tagħhom li jsegwu, jippromwovu u jdaħħlu fis-seħħ l-istandards tax-xogħol rikonoxxuti internazzjonalment li huma impenjaw ruħhom għalihom, bħal dawk imsemmija fid-Dikjarazzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) tal-1998 dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol u s-segwitu tagħha.

*Artikolu 13*

**Djalogu dwar oqsma oħra ta' interess reċiproku**

Waqt li jirrikonoxxu l-impenn komuni tagħhom li jssaħħu u jespandu l-involviment fit-tul tagħhom kif ukoll jirrikonoxxu l-kooperazzjoni eżistenti, il-Partijiet jagħmlu ħilithom, fil-fora multilateral u bilaterali xierqa, biex jinkoraġġixxu djalogu espert u skambji ta' prattiki tajbin f'oqsma ta' politika li huma ta' interess reċiproku. Dawn jinkludu l-oqsma li ġejjin, iżda mhumiex limitati għalihom: l-agrikoltura, is-sajd, l-oċean internazzjonali u l-politika marittima, l-iżvilupp rurali, it-trasport internazzjonali, l-impjiegi u l-kwistjonijiet ċirkumpolari inklużi x-xjenza u t-teknoloġija. Fejn xieraq, dan jista' jinkludi wkoll skambji dwar prattiki leġiżlattivi, regolatorji u amministrattivi, kif ukoll dwar proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet.

*Artikolu 14*

**Benesseri taċ-ċittadini**

1. Waqt li jirrikonoxxu l-importanza li jespandu u jsaħħu d-djalogu u l-kooperazzjoni tagħhom dwar għadd kbir ta' kwistjonijiet li jaffettwaw il-benesseri taċ-ċittadini tagħhom u lill-komunità globali akbar, il-Partijiet jinkoraġġixxu u jiffaċilitaw id-djalogu, il-konsultazzjoni u, fejn possibbli, il-kooperazzjoni dwar kwistjonijiet eżistenti kif ukoll emerġenti ta' interess reċiproku li jaffettwaw il-benesseri taċ-ċittadini.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza tal-protezzjoni tal-konsumatur u jinkoraġġixxu l-iskambju ta' informazzjoni u l-aqwa prattiki f'dan il-qasam.

3. Il-Partijiet jinkoraġġixxu kooperazzjoni reċiproka u skambju ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet globali ta' saħħa, u dwar it-tħejjija u r-rispons għal emerġenzi tas-saħħa pubblika globali.

*Artikolu 15*

**Kooperazzjoni fl-għarfien, ir-riċerka, l-innovazzjoni u t-teknoloġija tal-komunikazzjoni**

1. Meta jqisu l-importanza ta' għarfien ġdid biex jiġu indirizzati l-isfidi globali, il-Partijiet ikomplu jinkoraġġixxu l-kooperazzjoni fil-qasam tax-xjenza, it-teknoloġija, ir-riċerka u l-innovazzjoni.

2. Filwaqt li jirrikonoxxu l-importanza tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni bħala elementi ewlenin tal-ħajja moderna u l-iżvilupp soċjoekonomiku, il-Partijiet jagħmlu ħilithom biex jikkooperaw u jaqsmu opinjonijiet dwar il-politiki nazzjonali, reġjonali u internazzjonali f'dan il-qasam kif xieraq.

3. Waqt li jirrikonoxxu li s-sigurtà u l-istabbiltà tal-Internet b'rispett sħiħ tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali hija sfida globali, il-Partijiet jagħmlu ħilithom biex jikkooperaw f'livelli bilaterali u multilaterali permezz tad-djalogu u l-iskambju ta' għarfien espert.

4. Il-Partijiet jirrikonoxxu li l-użu ta' sistemi spazjali huwa dejjem aktar importanti sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' politika soċjoekonomika, ambjentali u internazzjonali tagħhom. Il-Partijiet ikomplu jkabbru l-kooperazzjoni tagħhom fl-iżvilupp u l-użu tal-assi spazjali biex jiġu appoġġjati ċ-ċittadini, in-negozji u l-organizzazzjonijiet governattivi.

5. Il-Partijiet jagħmlu ħilithom biex ikomplu l-kooperazzjoni tagħhom fil-qasam tal-istatistika, b'attenzjoni partikolari fuq il-promozzjoni b'mod attiv tal-iskambju tal-aħjar prattiki u politiki.

*Artikolu 16*

**Promozzjoni tad-diversità tal-espressjonijiet kulturali, l-edukazzjoni u ż-żgħażagħ, u l-Kuntatti Interpersonali**

1. Il-Partijiet kburin bir-rabtiet kulturali, lingwistiċi u tradizzjonali, li ilhom jeżistu u li bnew pontijiet ta' fehim bejniethom. Jeżistu rabtiet transatlantiċi fil-livelli kollha tal-gvern u s-soċjetà u l-impatt ta' din ir-relazzjoni hija sinfikanti fis-soċjetajiet Kanadiżi u Ewropej. Il-Partijiet jagħmlu ħilithom biex jinkoraġġixxu dawn ir-rabtiet u biex isibu modi ġodda biex jitrawwmu r-relazzjonijiet permezz ta' kuntatti interpersonali. Il-Partijiet jagħmlu ħilithom biex jużaw skambji permezz ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi u gruppi ta' riflessjoni li jlaqqgħu flimkien liż-żgħażagħ u s-sħab ekonomiċi u soċjali oħrajn bl-għan li jespandu u jsaħħu dawn ir-relazzjonijiet u jarrikkixxu l-fluss tal-ideat għas-soluzzjoni ta' sfidi komuni.

2. Filwaqt li jirrikonoxxu r-relazzjonijiet estensivi akkademiċi u dawk marbutin mal-edukazzjoni, l-isport, il-kultura, it-turiżmu u l-mobbiltà taż-żgħażagħ, li żviluppaw bejniethom matul is-snin, il-Partijiet japprovaw u jinkoraġġixxu kollaborazzjoni kontinwa fl-espansjoni ta' dawn ir-rabtiet, kif xieraq.

3. Il-Partijiet jagħmlu ħilithom biex irawwmu d-diversità tal-espressjonijiet kulturali, inkluż permezz tal-promozzjoni, kif xieraq, tal-prinċipji u l-objettivi tal-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-2005 dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali.

4. Il-Partijiet jagħmlu ħilithom biex jinkoraġġixxu u jiffaċilitaw l-iskambji, il-kooperazzjoni u d-djalogu bejn l-istituzzjonijiet kulturali tagħhom u l-professjonisti f'dan il-qasam kif xieraq.

*Artikolu 17*

**Reżiljenza għad-diżastri u ġestjoni tal-emerġenzi**

Biex jitnaqqas l-impatt ta' diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem u tiżdied ir-reżiljenza tas-soċjetà u l-infrastruttura, il-Partijiet jaffermaw l-impenn komuni tagħhom biex jippromwovu l-prevenzjoni, it-tħejjija, ir-rispons u l-miżuri ta' rkupru, inkluż permezz ta' kooperazzjoni kif xieraq fil-livell bilaterali u multilaterali.

TITOLU V

**ĠUSTIZZJA, LIBERTÀ U SIGURTÀ**

*Artikolu 18*

**Kooperazzjoni ġudizzjarja**

1. Rigward il-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali, il-Partijiet jippruvaw itejbu l-kooperazzjoni eżistenti fl-għajnuna legali reċiproka u l-estradizzjoni bbażata fuq ftehimiet internazzjonali rilevanti. Bis-setgħat u l-kompetenzi tagħhom, il-Partijiet jippruvaw ukoll li jsaħħu l-mekkaniżmi eżistenti u fejn xieraq jikkunsidraw l-iżvilupp ta' mekkaniżmi ġodda biex jiffaċilitaw il-kooperazzjoni internazzjonali f'dan il-qasam. Dan jinkludi, fejn xieraq, l-adeżjoni mal-istrumenti internazzjonali rilevanti u l-implimentazzjoni tagħhom u kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-Eurojust.

2. Il-Partijiet jiżviluppaw, kif xieraq, kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, sa fejn jistgħu bil-kompetenzi rispettivi tagħhom, b'mod partikolari fir-rigward tan-negozjati, ir-ratifika u l-implimentazzjoni ta' konvenzjonijiet multilaterali dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja ċivili, inklużi l-Konvenzjonijiet tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat fil-qasam tal-kooperazzjoni legali internazzjonali u l-litigazzjoni kif ukoll il-protezzjoni tat-tfal.

*Artikolu 19*

**Kooperazzjoni kontra d-drogi illeċiti**

1. Permezz tas-setgħat u l-kompetenzi rispettivi tagħhom, il-Partijiet jikkooperaw biex jiżguraw approċċ ibbilanċjat u integrat fil-kwistjonijiet marbuta mad-drogi. Il-Partijiet jiffokaw l-isforzi tagħhom biex:

— isaħħu l-istrutturi għall-ġlieda kontra d-drogi illeċiti;

— inaqqsu l-provvista, it-traffikar u d-domanda għal drogi illeċiti;

— jindirizzaw il-konsegwenzi soċjali u fuq is-saħħa mill-abbuż tad-drogi illeċiti; kif ukoll

— jimmassimizzaw l-effettività ta' strutturi li għandhom l-għan li jnaqqsu d-devjazzjoni ta' prekursuri kimiċi li jintużaw għall-produzzjoni illeċita ta' drogi narkotiċi u sustanzi psikotropiċi.

2. Il-Partijiet jikkollaboraw biex jinkisbu dawn l-objetttivi, inkluż, fejn ikun possibbli, billi jikkoordinaw il-programmi tagħhom ta' għajnuna teknika u billi jħeġġu l-pajjiżi li għadhom ma għamlux dan, biex jirratifikaw u jimplimentaw il-konvenzjonijiet internazzjonali esiżtenti dwar il-kontroll tad-drogi li għalihom l-Unjoni jew l-Istati Membri u l-Kanada huma parti. Il-Partijiet jibbażaw l-azzjonijiet tagħhom fuq prinċipji aċċettati b'mod komuni skont il-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti dwar il-kontroll tad-drogi u jsegwu l-għanijiet globali tad-Dikjarazzjoni Politika tan-NU tal-2009 u l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Kooperazzjoni Internazzjonali lejn Strateġija Integrata u Bbilanċjata fil-Ġlieda kontra l-Problema Dinjija tad-Drogi.

*Artikolu 20*

**Kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni**

1. Il-Partijiet għandhom impenn komuni li jikkooperaw fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, ekonomika u finanzjarja, il-korruzzjoni, il-falsifikazzjoni, il-kuntrabandu u t-tranżazzjonijiet illegali, billi jikkonformaw mal-obbligi internazzjonali reċiproki tagħhom f'dan il-qasam, inkluż fir-rigward tal-kooperazzjoni effettiva fl-irkupru ta' assi jew fondi li ġejjin minn atti ta' korruzzjoni.

2. Il-Partijiet jaffermaw l-impenn tagħhom li jiżviluppaw il-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi, inkluż permezz ta' kooperazzjoni kontinwa mal-Europol.

3. Barra minn hekk, il-Partijiet jagħmlu ħilithom sabiex jikkollaboraw, f'fora internazzjonali, biex jippromwovu, kif xieraq, l-adeżjoni mal-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali u l-implimentazzjoni tagħha u l-Protokolli supplimentari tagħha li huma partijiet għalihom.

4. Il-Partijiet jagħmlu ħilithom ukoll biex jippromwovu, kif xieraq, l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Korruzzjoni, inkluż permezz tal-operazzjoni ta' mekkaniżmu ta' reviżjoni b'saħħitha, filwaqt li jqisu l-prinċipji ta' trasparenza u l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili.

*Artikolu 21*

**Ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu**

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-ħtieġa li jikkooperaw sabiex jiġi evitat l-użu tas-sistemi finanzjarji tagħhom biex isir ħasil tal-qligħ mill-attivitajiet kriminali kollha inkluż it-traffikar tad-drogi u l-korruzzjoni u għall-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu. Din il-kooperazzjoni testendi għat-telf ta' assi jew fondi li jkunu ġejjin minn attività kriminali, fl-oqfsa legali rispettivi tagħhom u mal-liġijiet.

2. Il-Partijiet jaqsmu informazzjoni rilevanti, kif xieraq fl-oqfsa legali u l-liġijiet rispettivi tagħhom, u jimplimentaw miżuri xierqa għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, skont ir-rakkomandazzjonijiet tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja u l-istandards adottati minn korpi internazzjonali rilevanti oħra attivi f'dan il-qasam.

*Artikolu 22*

**Ċiberkriminalità**

1. Il-Partijiet jirrikonoxxu li ċ-ċiberkriminalità hija problema globali li teħtieġ rispons globali. Għal dan l-għan, il-Partijiet isaħħu l-kooperazzjoni biex tiġi evitata u miġġielda ċ-ċiberkriminalità permezz tal-iskambju ta' informazzjoni u għarfien prattiku, f'konformità mal-oqfsa legali rispettivi tagħhom u mal-liġijiet. Il-Partijiet jagħmlu ħilithom sabiex jaħdmu flimkien, fejn xieraq, biex jipprovdu assistenza u appoġġ lil stati oħra fl-iżvilupp ta' liġijiet, politiki u prattiki effettivi biex tiġi evitata u miġġielda ċ-ċiberkriminalità kull fejn isseħħ.

2. Kif xieraq, fl-oqfsa legali rispettivi tagħhom u mal-liġijiet, il-Partijiet jaqsmu l-informazzjoni fl-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ tal-investigaturi taċ-ċiberkriminalità, it-twettiq tal-investigazzjonijiet taċ-ċiberkriminalità u l-forensika diġitali.

*Artikolu 23*

**Ġestjoni tal-migrazzjoni, l-ażil u l-fruntieri**

1. Il-Partijiet jaffermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom li jikkooperaw u jaqsmu l-opinjonijiet fil-qafas tal-liġijiet u r-regolamenti rispettivi tagħhom fl-oqsma tal-migrazzjoni (inkluż il-migrazzjoni legali, il-migrazzjoni irregolari, it-traffikar tal-bnedmin, il-migrazzjoni u l-iżvilupp), l-ażil, l-integrazzjoni, il-ġestjoni tal-viżi u tal-fruntieri.

2. Il-Partijiet għandhom objettiv komuni ta' vvjaġġar mingħajr viża bejn l-Unjoni u l-Kanada għaċ-ċittadini kollha rispettivi tagħhom. Il-Partijiet jaħdmu flimkien u jagħmlu kull sforz biex jiksbu, kemm jista' jkun malajr, ivvjaġġar mingħajr viża bejn it-territorji tagħhom għaċ-ċittadini kollha b'passaport validu.

3. Il-Partijiet jaqblu li jikkooperaw għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-migrazzjoni irregolari. Għal dan l-għan:

(a) Il-Kanada ddaħal mill-ġdid iċ-ċittadini tagħha preżenti illegalment fit-territorju ta' Stat Membru, fuq talba ta' dan tal-aħħar u, sakemm ma jkunx previst mod ieħor bi ftehim speċifiku, mingħajr aktar formalitajiet;

(b) Kull Stat Membru jdaħħal mill-ġdid iċ-ċittadini tiegħu preżenti illegalment fit-territorju tal-Kanada, fuq talba ta' dan tal-aħħar u, sakemm ma jkunx previst mod ieħor bi ftehim speċifiku, mingħajr aktar formalitajiet;

(c) L-Istati Membri u l-Kanada jipprovdu liċ-ċittadini tagħhom b'dokumenti tal-ivvjaġġar xierqa għal dan l-għan;

(d) Il-Partijiet jagħmlu ħilithom biex jidħlu f'negozjati ta' ftehim speċifiku li jistabbilixxu obbligi dwar ir-riammissjoni, inkluża r-riammissjoni ta' persuna nazzjonali ta' pajjiżi terzi u ta' persuni apolidi.

*Artikolu 24*

**Protezzjoni konsulari**

1. Il-Kanada tippermetti liċ-ċittadini tal-Unjoni li jekk l-Istat Membru li tiegħu huma ċittadini ma jkollux rappreżentanza permanenti aċċessibbli fil-Kanada, huma jkollhom il-benefiċċji tal-protezzjoni tal-awtoritajiet diplomatiċi u konsulari ta' kull Stat Membru.

2. L-Istati Membri jippermettu liċ-ċittadini Kanadiżi li jekk il-Kanada ma jkollhiex rappreżentanza permanenti aċċessibbli fit-territorju ta' Stat Membru partikolari, huma jkollhom il-benefiċċji fit-territorju ta' dak l-Istat Membru tal-protezzjoni tal-awtoritajiet diplomatiċi u konsulari ta' kull Stat ieħor maħtur mill-Kanada.

3. Il-paragrafi 1 u 2 huma maħsuba biex ineħħu kull rekwiżit għal notifika u kunsens li b'mod ieħor ikunu jistgħu japplikaw bl-iskop li jippermettu liċ-ċittadini tal-Unjoni jew tal-Kanada li jkunu rappreżentati minn kull Stat għajr dak li tiegħu huma ċittadini.

4. Il-Partijiet jirrevedu fuq bażi annwali l-funzjonament amministrattiv tal-paragrafi 1 u 2.

*Artikolu 25*

**Protezzjoni tad-dejta personali**

1. Il-Partijiet jagħrfu l-ħtieġa li tiġi protetta d-dejta personali u jagħmlu ħilithom biex jaħdmu flimkien biex jippromwovu standards internazzjonali għoljin.

2. Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza li jipproteġu d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali inkluż id-dritt għall-privatezza fir-rigward tal-protezzjoni tad-dejta personali. Għal dan l-għan, il-Partijiet qed jiftiehmu li, fil-qafas tal-liġijiet u r-regolamenti rispettivi tagħhom, isegwu l-impenji li ħadu marbutin ma' dawn id-drittijiet, inkluż fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-terroriżmu u reati oħra serji li huma ta' natura transnazzjonali, inkluża l-kriminalità organizzata.

3. Il-Partijiet ikomplu jikkooperaw fil-qafas tal-liġijiet u r-regolamenti rispettivi tagħhom f'livelli bilaterali u multilaterali permezz ta' djalogu u skambju ta' kompetenzi, kif xieraq, fir-rigward tal-protezzjoni tad-dejta personali.

TITOLU VI

**DJALOGU POLITIKU U MEKKANIŻMI TA' KONSULTAZZJONI**

*Artikolu 26*

**Djalogu politiku**

Il-Partijiet jagħmlu ħilithom biex isaħħu d-djalogu u l-konsultazzjoni tagħhom b'mod effettiv u pragmatiku biex jappoġġjaw ir-relazzjoni tagħhom li qed tikber, imexxu r-relazzjoni tagħhom u biex jippromwovu l-interessi u l-valuri komuni permezz tal-involviment multilaterali tagħhom.

*Artikolu 27*

**Mekkaniżmi ta' konsultazzjoni**

1. Il-Partijiet jinvolvu ruħhom fi djalogu permezz ta' kuntatti, skambji u konsultazzjonijiet kontinwi, li jinkludu dawn li ġejjin:

(a) summits fil-livell tal-mexxejja fuq bażi annwali jew skont kif miftiehem b'mod reċiproku, li jsiru b'mod alternat fl-Unjoni u fil-Kanada;

(b) laqgħat fil-livell tal-ministru tal-affarijiet barranin;

(c) konsultazzjonijiet fil-livell ministerjali dwar kwistjonijiet ta' politika li huma ta' interess reċiproku;

(d) konsultazzjonijiet ta' uffiċjali għolja u livell ta' ħidma dwar kwistjonijiet ta' interess reċiproku jew laqgħat ta' informazzjoni u kooperazzjoni dwar l-iżviluppi kbar lokali jew internazzjonali;

(e) promozzjoni ta' skambji ta' delegazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Parlament tal-Kanada.

2. Kumitat Ministerjali Konġunt

(a) Kumitat Ministerjali Konġunt (KMK) huwa b'dan stabbilit.

(b) Il-KMK:

(i) jissostitwixxi d-Djalogu Transatlantiku;

(ii) jiġi kkopresedut mill-Ministru tal-Affarijiet Barranin tal-Kanada u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà;

(iii) jiltaqa' fuq bażi annwali, jew kif miftiehem skont iċ-ċirkostanzi;

(iv) jadotta l-aġenda, ir-regoli u l-proċeduri proprji tiegħu;

(v) jieħu d-deċiżjonijiet bl-approvazzjoni taż-żewġ Partijiet;

(vi) jirċievi rapport annwali tal-Kumitat Konġunt għall-Kooperazzjoni (KKK) dwar l-istat tar-relazzjoni u jagħmel rakkomandazzjonijiet relatati mal-ħidma tal-KKK inkluż fuq oqsma ġodda ta' kooperazzjoni futura u r-riżoluzzjoni ta' kull tilwim li tirriżulta mill-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim;

(vii) huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Partijiet.

3. Kumitat Konġunt għall-Kooperazzjoni

(a) Il-Partijiet jistabbilixxu Kumitat Konġunt għall-Kooperazzjoni (KKK).

(b) Il-Partijiet jiżguraw li l-KKK:

(i) jirrakkomanda prijoritajiet rigward il-kooperazzjoni bejn il-Partijiet;

(ii) jissorvelja l-iżviluppi tar-relazzjoni strateġika bejn il-Partijiet;

(iii) jaqsam l-opinjonijiet u jagħmel suġġerimenti dwar kwistjoniiet ta' interess komuni;

(iv) jagħmel rakkomandazzjonijiet għal effiċjenzi, effettività akbar u sinerġiji bejn il-Partijiet;

(v) jiżgura li dan il-Ftehim jaħdem sewwa;

(vi) jipprovdi rapport annwali fuq il-KMK dwar l-istat tar-relazzjoni li l-Partijiet jippubblikaw, kif innutat fil-paragrafu 2(b)(vi) ta' dan l-Artikolu;

(vii) jittratta b'mod xieraq kull kwistjoni li titressaq quddiemu mill-Partijiet skont dan il-Ftehim;

(viii) jistabbilixxi sottokumitati biex jgħinuh fit-tewettiq tad-dmirijiet tiegħu. Madankollu dawn is-sottokumitati ma għandhomx jidduplikaw korpi stabbiliti skont ftehimiet oħrajn bejn il-Partijiet;

(ix) jikkunsidra sitwazzjonijiet fejn kull Parti tqis li l-interessi tagħha ġew jew setgħu ġew affettwati ħażin mill-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet f'oqsma ta' kooperazzjoni li mhumiex irregolati minn ftehim speċifiku.

(c) Il-Partijiet jiżguraw: li l-KKK jiltaqa' darba fis-sena fl-Unjoni u l-Kanada b'mod alternat; li jsiru laqgħat speċjali tal-KKK wara talba minn xi waħda mill-Partijiet; li l-KKK jiġi kkopresedut minn uffiċjal għoli wieħed mill-Kanada u minn uffiċjali għoli mill-Unjoni; u li jaqbel dwar it-termini ta' referenza tiegħu stess, inkluż il-parteċipazzjoni tal-osservaturi.

(d) Il-KKK ikun magħmul mir-rappreżentanti tal-Partijiet, b'attenzjoni dovuta biex tiġi promossa l-effiċjenza u l-ekonomija fl-istabbiliment tal-livelli ta' parteċipazzjoni.

(e) Il-Partijiet jaqblu li l-KKK jista' jitlob kumitati u korpi simili stabbiliti skont ftehimiet bilaterali eżistenti bejn il-Partijiet biex jipprovdu aġġornamenti regolari lill-KKK dwar l-attivitajiet tagħhom bħala parti minn ħarsa ġenerali kontinwa u komprensiva tar-relazzjoni bejn il-Partijiet.

*Artikolu 28*

**Twettiq tal-obbligi**

1. Fl-ispirtu ta' rispett reċiproku u kooperazzjoni li huma inkorporati b'dan il-Ftehim, il-Partijiet jieħdu l-miżuri ġenerali jew speċifiċi meħtieġa biex iwettqu l-obbligi tagħhom skont dan il-Ftehim.

2. Fil-każ li jinqalgħu xi mistoqsijiet jew differenzi mill-implimentazzjoni jew l-interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim, il-Partijiet isaħħu l-isforzi tagħhom biex jikkonsultaw u jikkooperaw sabiex isolvu l-kwistjonijiet fil-ħin u b'mod ta' ħbiberija. Wara talba ta' waħda mill-Partijiet, il-mistoqsijiet jew id-differenzi jiġu riferuti lill-KKK għal aktar diskussjoni u studju. Il-Partijiet jistgħu jiddeċiedu wkoll b'mod konġunt li jirreferu dawn il-kwistjonijiet għal rapportar speċjali ta' sottokumitati lill-KKK. Il-Partijiet jiżguraw li l-KKK jew is-sottokumitat maħtur jiltaqa' fi żmien raġonevoli biex ifittex soluzzjoni għal kull differenza fl-implimentazzjoni jew l-interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim permezz ta' komunikazzjoni bikrija, eżami bir-reqqa tal-fatti inkluż pariri ta' esperti u evidenza xjentifika kif xieraq, u djalogu effettiv.

3. Filwaqt li jaffermaw mill-ġdid l-impenn qawwi komuni tagħhom favur id-drittijiet tal-bniedem u n-nonproliferazzjoni, il-Partijiet iqisu li ksur partikolarment serju u vjolazzjoni sostanzjali tal-obbligi deskritti fl-Artikoli 2(1) u 3(2) jistgħu jiġu indirizzati bħala każ ta' urġenza speċjali. Il-Partijiet jikkunsidraw li, biex sitwazzjoni tikkostitwixxi "ksur partikolarment serju u sostanzjali" tal-Artikolu 2(1), il-gravità u n-natura tagħha jridu jkunu ta' tip eċċezzjonali bħal kolp ta' stat jew delitti gravi li jheddu l-paċi, is-sigurtà u l-benesseri tal-komunità internazzjonali.

4. F'każijiet fejn sitwazzjoni li sseħħ f'pajjiż terz tista' tiġi kkunsidrata bħala ekwivalenti fil-gravità u n-natura għal każ ta' urġenza speċjali, il-Partijiet jagħmlu ħilithom biex iwettqu konsultazzjonijiet urġenti, fwara talba ta' waħda mill-Partijiet, jaqsmu l-fehmiet dwar is-sitwazzjoni u jikkunsidraw ir-reazzjonijiet possibbli.

5. Fil-każ mhux mistenni u mhux probabbli li tinqala' urġenza speċjali fit-territorju ta' waħda mill-Partijiet, kull Parti tista' tirreferi l-kwistjoni lil KMK. Il-KMK jista' jitlob lil KKK biex jorganizza konsultazzjonijiet urġenti fi żmien 15-il jum. Il-Partijiet jipprovdu l-informazzjoni u l-evidenza rilevanti meħtieġa għal eżami bir-reqqa u riżoluzzjoni f'waqtha u effettiva tas-sitwazzjoni. Jekk il-KKK ma jkunx jista' jirranġa s-sitwazzjoni, jista' jressaq il-każ lill-KMK għal kunsiderazzjoni urġenti.

6. (a) F'każ ta' urġenza speċjali fejn il-KMK ma jkunx jista' jirranġa s-sitwazzjoni, kull Parti tista' tiddeċiedi li tissospendi d-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim. Fl-Unjoni, id-deċiżjoni li tissospendi tkun teħtieġ unanimità. Fil-Kanada, id-deċiżjoni ta' sospensjoni tittieħed mill-Gvern tal-Kanada skont il-liġijiet u r-regolamenti tagħha. Il-Parti tinnotifika minnufih lill-Parti l-oħra, bil-miktub, bid-deċiżjoni u tapplika d-deċiżjoni għall-perjodu minimu ta' żmien meħtieġ biex tiġi riżolta l-kwistjoni b'mod aċċettabbli għall-Partijiet.

(b) Il-partijiet iżommu taħt reviżjoni kostanti l-iżvilupp tas-sitwazzjoni li ħoloq dik id-deċiżjoni u li jista' jservi bħala bażi għal miżuri oħra xierqa meħuda barra mill-qafas ta' dan il-Ftehim. Il-Parti li tinvoka s-sospensjoni jew miżuri oħra tirtirahom hekk kif jiġu ggarantiti.

7. Barra minn hekk, il-Partijiet jirrikonoxxu li ksur partikolarment serju u sostanzjali tad-drittijiet tal-bniedem jew tan-nonproliferazzjoni, kif definit fil-paragrafu 3 jista' jservi wkoll bħala raġuni għat-terminazzjoni tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv tal-UE u l-Kanada (CETA) skont l-Artikolu 30.9 ta' dan il-Ftehim.

8. Dan il-Ftehim ma għandux jaffettwa jew jippreġudika l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' ftehimiet oħra bejn il-Partijiet. B'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet għas-soluzzjoni tat-tilwim ta' dan il-Ftehim ma jissostitwixxix jew jaffettwa b'xi mod id-dispożizzjonijiet għas-soluzzjoni tat-tilwim ta' ftehimiet oħra bejn il-Partijiet.

TITOLU VII

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 29*

**Sigurtà u divulgazzjoni tal-informazzjoni**

1. Dan il-Ftehim ma jitqiesx li jippreġudika l-liġijiet u r-regolamenti tal-Unjoni, tal-Istati Membri jew dawk Kanadiżi dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti uffiċjali.

2. Dan il-Ftehim ma jiġix interpretat fis-sens li jobbliga lil xi Parti li tipprovdi xi informazzjoni jekk din il-parti tqis li tmur kontra l-interessi tas-sigurtà essenzjali tagħha li tiżvela dik l-informazzjoni.

*Artikolu 30*

**Dħul fis-seħħ u terminazzjoni**

1. Il-Partijiet jgħarrfu lil xulxin meta jkunu lestew il-proċeduri interni meħtieġa biex dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ. Dan il-Ftehim jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara d-data tal-aħħar notifika.

2. Minkejja l-paragrafu 1, l-Unjoni u l-Kanada japplikaw partijiet ta' dan il-Ftehim fuq bażi provviżorja, kif stipulat f'dan il-paragrafu, sakemm jidħol fis-seħħ u skont il-proċeduri interni u l-leġiżlazzjoni rispettivi, kif applikabbli.

L-applikazzjoni provviżorja tibda fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara d-data li fiha l-Unjoni u l-Kanada jkunu nnotifikaw lil xulxin b'dan li ġej:

(a) Għall-Unjoni, it-tlestija tal-proċeduri interni meħtieġa għal dan l-iskop, li tindika l-partijiet tal-Ftehim li għandhom ikunu applikati b'mod provviżorju; kif ukoll

(b) Għall-Kanada, it-tlestija tal-proċeduri meħtieġa għal dan l-iskop, li tikkonferma l-qbil mal-partijiet tal-Ftehim li għandhom ikunu applikati b'mod provviżorju.

3. Kull Parti tista' tinnotifika lill-Parti l-oħra bil-miktub dwar l-intenzjoni tagħha li tiddenunzja dan il-Ftehim. Id-denunzja tidħol fis-seħħ sitt xhur wara n-notifika.

*Artikolu 31*

**Emenda**

Il-Partijiet jistgħu jemendaw dan il-Ftehim bi ftehim bil-miktub. L-emenda tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara d-data tal-aħħar notifika li biha l-Partijiet jgħarrfu lil xulxin li l-proċeduri interni meħtieġa kollha għad-dħul fis-seħħ tal-emenda tlestew.

*Artikolu 32*

**Notifiki**

Il-Partijiet jissottomettu n-notifiki kollha li saru skont l-Artikoli 30 u 31 lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u d-Dipartiment tal-Affarijiet Barranin, il-Kummerċ u l-Iżvilupp tal-Kanada jew lis-suċċessuri rispettivi tagħhom.

*Artikolu 33*

**Applikazzjoni territorjali**

Dan il-Ftehim japplika, minn naħa waħda, għat-territorji li fihom jiġu applikati t-Trattati li fuqhom hija mibnija l-Unjoni Ewropea u bil-kundizzjonijiet stipulati f'dawn it-Trattati, u min-naħa l-oħra, għall-Kanada.

*Artikolu 34*

**Definizzjoni tal-Partijiet**

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, it-terminu "il-Partijiet" ifisser l-Unjoni Ewropea jew l-Istati Membri tagħha, jew l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom, minn naħa waħda, u l-Kanada, min-naħa l-oħra.

Dan il-Ftehim għandu jitfassal f'żewġ kopji bil-Bulgaru, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliż, bil-Kroat, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bl-Olandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol, bl-Iżvediż, bit-Taljan, bl-Ungeriż, u kull test huwa ugwalment awtentiku.

B'XHIEDA TA' DAN, is-sottoskritti, debitament awtorizzati għal dan il-fini, iffirmaw dan il-Ftehim.

Съставено в Брюксел на тридесети октомври през две хиляди и шестнадесета година.

Hecho en Bruselas, el treinta de octubre de dos mil dieciséis.

V Bruselu dne třicátého října dva tisíce šestnáct.

Udfærdiget i Bruxelles den tredivte oktober to tusind og seksten.

Geschehen zu Brüssel am dreißigsten Oktober zweitausendsechzehn.

Kahe tuhande kuueteistkümnenda aasta oktoobrikuu kolmekümnendal päeval Brüsselis.

Έγινε στις Βρυξέλλες, στις τριάντα Οκτωβρίου δύο χιλιάδες δεκαέξι.

Done at Brussels on the thirtieth day of October in the year two thousand and sixteen.

Fait à Bruxelles, le trente octobre deux mille seize.

Sastavljeno u Bruxellesu tridesetog listopada godine dvije tisuće šesnaeste.

Fatto a Bruxelles, addì trenta ottobre duemilasedici.

Briselē, divi tūkstoši sešpadsmitā gada trīsdesmitajā oktobrī.

Priimta du tūkstančiai šešioliktų metų spalio trisdešimtą dieną Briuselyje.

Kelt Brüsszelben, a kétezer-tizenhatodik év október havának harmincadik napján.

Magħmul fi Brussell, fit-tletin jum ta' Ottubru fis-sena elfejn u sittax.

Gedaan te Brussel, dertig oktober tweeduizend zestien.

Sporządzono w Brukseli dnia trzydziestego października roku dwa tysiące szesnastego.

Feito em Bruxelas, em trinta de outubro de dois mil e dezasseis.

Întocmit la Bruxelles la treizeci octombrie două mii șaisprezece.

V Bruseli tridsiateho októbra dvetisícšestnásť.

V Bruslju, dne tridesetega oktobra leta dva tisoč šestnajst.

Tehty Brysselissä kolmantenakymmenentenä päivänä lokakuuta vuonna kaksituhattakuusitoista.

Som skedde i Bryssel den trettionde oktober år tjugohundrasexton.

Voor het Koninkrijk België

Pour le Royaume de Belgique

Für das Königreich Belgien



Deze handtekening verbindt eveneens de Vlaamse Gemeenschap, de Franse Gemeenschap, de Duitstalige Gemeenschap, het Vlaamse Gewest, het Waalse Gewest en het Brussels Hoofdstedelijk Gewest.

Cette signature engage également la Communauté française, la Communauté flamande, la Communauté germanophone, la Région wallonne, la Région flamande et la Région de Bruxelles-Capitale.

Diese Unterschrift bindet zugleich die Deutschsprachige Gemeinschaft, die Flämische Gemeinschaft, die Französische Gemeinschaft, die Wallonische Region, die Flämische Region und die Region Brüssel-Hauptstadt.

За Република България



Za Českou republiku



For Kongeriget Danmark



Für die Bundesrepublik Deutschland



Eesti Vabariigi nimel



Thar cheann Na hÉireann

For Ireland



Για την Ελληνική Δημοκρατία



Por el Reino de España



Pour la République française



Za Republiku Hrvatsku



Per la Repubblica italiana



Για την Κυπριακή Δημοκρατία



Latvijas Republikas vārdā –



Lietuvos Respublikos vardu



Pour le Grand-Duché de Luxembourg



Magyarország részéről



Ghar-Repubblika ta' Malta



Voor het Koninkrijk der Nederlanden



Für die Republik Österreich



W imieniu Rzeczypospolitej Polskiej



Pela República Portuguesa



Pentru România



Za Republiko Slovenijo



Za Slovenskú republiku



Suomen tasavallan puolesta

För Republiken Finland



För Konungariket Sverige



For the United Kingdom of Great Britain and Northern Ireland



За Европейския съюз
Por la Unión Europea
Za Evropskou unii
For Den Europæiske Union
Für die Europäische Union
Euroopa Liidu nimel
Για την Ευρωπαϊκή Ένωση
For the European Union
Pour l'Union européenne
Za Europsku uniju
Per l'Unione europea
Eiropas Savienības vārdā –
Europos Sąjungos vardu
Az Európai Unió részéről
Għall-Unjoni Ewropea
Voor de Europese Unie
W imieniu Unii Europejskiej
Pela União Europeia
Pentru Uniunea Europeană
Za Európsku úniu
Za Evropsko unijo
Euroopan unionin puolesta
För Europeiska unionen







For Canada

Pour le Canada

